

**Appell ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2015 minn Eugen Popp u Stefan M. Zech mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ĝeneralji (Il-Ħames Awla) fis-6 ta' Novembru 2014 fil-Kawża T-463/12 – Eugen Popp u Stefan M. Zech vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-17/15 P)

(2015/C 406/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Appellanti: Eugen Popp u Stefan M. Zech (rappreżentanti: A. Kockläuner u O. Nilgen, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Is-Sitt Awla), permezz ta' digriet tas-26 ta' Ottubru 2015, ċaħdet l-appell u kkundannat lill-appellant sabiex ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

**Appell ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2015 minn Vichy Catalán, S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ĝeneralji (It-Tielet Awla) fil-25 ta' Ġunju 2015 fil-Kawża T-302/15 – Vichy Catalán vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) – Hijos de Rivera (Fuente Estrella)**

(Kawża C-399/15)

(2015/C 406/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Appellanti: Vichy Catalán, S.A. (rappreżentant: R. Bercovitz Álvarez, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) u Hijos de Rivera (Fuente Estrella)

### Talbiet

- tannulla d-digriet appellat, u tissostitwi b'deċiżjoni li tiddikjara l-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors ppreżentat mill-mandanti tagħna fil-Kawża T-302/15 quddiem il-Qorti Ĝeneralji;
- tikkundanna għall-ispejjeż ta' dan l-appell kull parti li tidher sabiex tiddefendi d-digriet appellat.

### Aggravji u argumenti prinċipali

- 1) Aggravju bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja (ma hemmx preklużjoni ladarba tiġi stabilita l-eżistenza tal-każ fortuwitu jew tal-forza maġġuri), f'żewwg punti:

- a) id-digriet ingħata mingħajr ma ta lill-mandant tagħna ż-żmien materjali li jistabbilixxi l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' każ fortuwit jew ta' forza maġġuri li wasslet għal dewmien sabiex tintbagħha il-kopja stampata tar-rikors;
- b) fil-fatt, f'din il-kawża, seħħi każ fortuwit.
- 2) Aggravju bbażat fuq l-interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 43(6) tar-Regoli tal-Proċedura.
- 3) Aggravju ibbażat fuq l-applikazzjoni retroattiva, bi preġudizzju għall-appellant, ta' dispożizzjonijiet ġodda tar-Regoli tal-Proċedura li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2015, għal sitwazzjonijiet li kellhom jiġu suġġetti għar-Regoli tal-Proċedura preċedenti.

---

**Appell ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2015 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (It-Tielet Awla) fl-24 ta' Ġunju 2015 fil-Kawża T-527/13, L-Italja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-467/15 P)**

**(2015/C 406/15)**

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci u P. Němečková, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: Ir-Repubblika Taljana

**Talbiet**

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Ġunju 2015, innotifikata lill-Kummissjoni fl-istess jum, fil-Kawża T-527/13, Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni;
- tiċħad ir-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza u tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

- 1) Il-Qorti Ġeneral interpretat u kklassifikat mill-ġdid, b'mod illegali, it-tieni motiv ippreżentat fl-ewwel istanza. B'hekk, hija kisret il-prinċipju li s-suġġett tal-kawża huwa ddefinit mir-rikors u l-projbizzjoni li jitqajjem ex officio motiv li jikkonċerna l-legalità sostanzjali tad-deċiżjoni li ma jkunx tqajjem fl-istadju opportun mir-rikorrent stess fir-rikors.
- 2) Il-Qorti Ġeneral kisret l-Artikolu 108 TFUE u l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 (<sup>1</sup>), fir-rigward tal-kunċetti ta' għajnejna ġidha u ta' għajnejna eżistenti. B'mod partikolari, hija qieset b'mod żabalj li għajnejna tista' titqies li hija eżistenti minkejja l-ksur ta' kundizzjoni imposta mid-deċiżjoni li tiddikjaraha kompatibbli. B'hekk, il-Qorti Ġeneral naqset milli timxi mal-ġurisprudenza stabilita li minnha jirriżulta li s-sempliċi ksur ta' tali kundizzjonijiet jwassal għall-eżistenza ta' għajnejna ġidha u, fl-assenza ta' fatti ġodda li jistgħu jwasslu għal evalwazzjoni differenti, jiġiġustika deċiżjoni ġidha ta' inkompatibbilt.